# Il-Kwiekeb Ikellmuk

Il-kwiekeb ikellmuk meta ssejħilhom,
bil-lejl, bin-nhar, għax dejjem jistennewha
xi kelma minn hawn isfel fejn uliedhom
ma jitwildux sikwit. Iżda jaqbillek
tistenna jaqa' d-dlam u n-nies imorru,
għaliex fis-skiet il-kelma toħroġ ċara,
u ħadd ma jidħak bik kif jagħmel tifel
li jisma' l-ħoss ta' lingwa li mhix tiegħu,
u l-kwiekeb ma jħobbux lil min jissemma'.

Aħjar tistenna d-dlam, iżda jekk inti
m'intix fir-razza żgħira ta' uliedhom,
fid-dlam jagħarfuk l-istess u leħnek jikxfek,
w għalxejn, għalxejn tistenna, għad li veru
li l-kwiekeb ikellmuk meta ssejħilhom.

24/8/73

**OLIVER FRIGGIERI.**